MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 353/1996/1

**Maryanne Brincau**

**v.**

**Edward Galea u Josephine Galea f'isimha proprju u bhala kuratrici "ad litem" ta' uliedha minuri Colin u Edward, ahwa Galea**

**Il-Qorti:**

Qabel xejn jigi rilevat li skond verbal datat 1 ta' Marzu, 2004, din il-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghal-lum, 30 ta' Gunju, 2004. F'dan il-verbal saret riferenza ghal nota konguntiva maghmula mill-

kontendenti konformement ma’ verbal precedenti riferibbilment ghall-fatt li kien hemm xi dokumenti li ma setghux jigu rintraccjati.

Illi l-imsemmija nota konguntiva (ara fol. 120 tal-process), apparti li ghandha l-okkju tal-kawza riportat zbaljatament, taghmel riferenza ghal erba’ (4) dokumenti li dwarhom il-partijiet iddikjaraw “li ma humiex ghalissa disponibbli”. Mill-elenku ta’ l-imsemmija dokumenti ghandu jirrizulta ictu oculi li min-natura taghhom dawn id-dokumenti huma ta’ importanza vitali ghad-determinazzjoni ta’ dana l-appell billi jirreferu ghal kopji ta’ ftehim (tnejn), milhuq bejn wahda mill-partijiet ma’ terz dwar parti mill-oggetti in kawza; skeda ta’ pagamenti maghmulin lil terz minn wahda mill-partijiet, u dokument relativ ghal trasferiment ta’ sett ta’ televizjoni reklamat ukoll minn wahda mill-partijiet.

Fic-cirkostanzi, din il-Qorti jidhrilha li qabel ma tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza, ikun utli u ferm opportun li l-partijiet jiddikjaraw jekk mid-data ta’ l-imsemmi verbal sal-lum sehhux zviluppi li jaghtu indikazzjoni jekk dawn id-diversi dokumenti jew ta’ lanqas xi whud minnhom, humiex illum disponibbli; f’liema kaz ghandhom allura jigu esebiti minn min ghandu interess li jesebihom.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti qeghdha contrario imperio tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza, b’dan li qeghdha tordna lill-partijiet biex ghas-seduta li jmiss jidhru fil-kawza flimkien ma’ l-avukati rispettivi taghhom sabiex jaghtu kull informazzjoni mehtiega lill-Qorti qabel ma’ l-kawza terga’ tithalla ghas-sentenza.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------